



Brussell, 26 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7824/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0159(NLE)

MAR 77

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6930/19 MAR 41
Nru dok. Cion:	9113/18 MAR 67 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul – Adozzjoni

KUNTEST U KONTENUT TAL-PROPOSTA

1. Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill¹ eskcludiet vapuri tal-passiġġieri inqas minn 24 metru fit-tul ("vapuri żgħar tal-passiġġieri") magħmulin mill-azzar jew materjal ekwivalenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) dwar il-leġislazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE.

¹ Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 40).

² Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

3. Madankollu, fil-premessa 8 tad-Direttiva (UE) 2017/2108 il-koleġislaturi stiednu wkoll lill-Kummissjoni tadotta linji gwida bi standards ta' sikurezza speċifiċi għal vapuri żgħar tal-passiġġieri mill-aktar fis possibbli.
4. Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hi bi tweġiba għal dik l-istedina.
5. Fl-istess ħin, jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-funzjonament tas-suq intern.
6. L-Anness għar-Rakkomandazzjoni fih għadd ta' rekwiżiti funzjonali u ta' prestazzjoni għal vapuri żgħar tal-passiġġieri.

ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

7. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Rakkomandazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu f'Ġunju 2018.
8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta fl-20 ta' Frar, is-27 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2019.
9. Ma saret l-ebda bidla sostanzjali. Madankollu, il-bidliet limitati proposti jissottolinjaw in-natura volontarja u mhux legalment vinkolanti tar-Rakkomandazzjoni, inkluż ir-rekwiżiti funzjonali u ta' prestazzjoni, kif ukoll id-dritt għall-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu r-regoli nazzjonali tagħhom stess għal vapuri żgħar tal-passiġġieri.
10. L-Irlanda indikat li beħsiebha tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill meta din tiġi adottata.

KONKLUŻJONI

11. B'kont meħud ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna jeżaminaw u jadottaw l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness.

2018/0159 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 292 u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill³ li ġiet adottata fil-15 ta' Novembru 2017 eskcludiet il-vapuri tal-passiġġieri li huma inqas minn 24 metru fit-tul ("vapuri żgħar tal-passiġġieri") magħmulin mill-azzar jew materjal ekwivalenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) dwar il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE⁵. Din l-emenda ser tkun applikabbli mill-21 ta' Diċembru 2019.

³ Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 40).

⁴ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

⁵ COM(2015) 508.

- (2) Il-kontroll tal-idoneità wera li r-rekwiżiti preskrittivi tad-Direttiva 2009/45/KE li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 ('il-Konvenzjoni SOLAS tal-1974') urew diffikultà biex jadattaw għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri. Fin-nuqqas ta' tħassib speċifiku marbut mas-sikurezza u standards adegwati pprovduti mid-Direttiva 2009/45/KE, il-vapuri li huma inqas minn 24 m fit-tul, minbarra vapuri tal-passiġġieri ta' veloċità għolja, għalhekk ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.
- (3) Il-vapuri żgħar tal-passiġġieri prinċipalment jinbnew minn materjali li mhumiex l-azzar u l-maġġoranza l-kbira ta' din il-flotta għalhekk hi diġà ċċertifikata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom approċċi differenti biex jirregolaw is-sikurezza tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri, li jwassal għal differenzi fl-istandards u r-regoli tas-sikurezza. Din id-diverġenza tikkostitwixxi sfida importanti, speċjalment għal sidien tal-vapuri iżgħar fl-Unjoni, li jiddependu fuq is-suq tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri użati. Dan ġie kkonfermat mir-riżultati tal-konsultazzjoni miftuħa, fejn il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu kienu intrapriżi żgħar jew mikrointrapriżi. Il-konsultazzjoni uriet li approċċ iktar komuni għar-regoli tas-sikurezza għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-funzjonament tas-suq intern f'dan il-qasam.
- (4) Ġie stabbilit suq intern għall-inġenji ta' rikreazzjoni permezz tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, li tarmonizza l-karatteristiċi tas-sikurezza tal-inġenji ta' rikreazzjoni fl-Istati Membri kollha u b'hekk tneħħi ostakoli għall-kummerċ fihom bejn l-Istati Membri. Madankollu, m'hemm ebda suq intern bħal dan stabbilit għal vapuri żgħar tal-passiġġieri.
- (5) Il-kontroll tal-idoneità rrakkomanda qafas tal-istandards ta' prestazzjoni bħala l-uniku approċċ li jkun proporzjonat u li jista' jiġġenera valur miżjud fil-livell tal-Unjoni. Dan l-approċċ iħalli grad ta' libertà biex jiġi aġġustat maċ-ċirkostanzi lokali fejn ikun hemm bżonn u jippromwovi disinji innovattivi, soġġetti għall-verifika li jintlaħaq il-livell ta' sikurezza meħtieġ. B'paragun ma' qafas regolatorju preskrittiv, jirrifletti aħjar il-varjetà wiesgħa ta' disinji, materjali u operazzjoni tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri huma f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw il-limitazzjonijiet lokali fuq in-navigazzjoni tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri f'termini ta' distanza għax-xatt jew il-port u l-kundizzjonijiet tat-temp.

⁶ Revokata u sostitwita bid-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90).

- (6) L-għanijiet tas-sigurtà u rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti annessi ma' din ir-Rakkomandazzjoni huma bbażati fuq dan il-qafas ta' standards ta' prestazzjoni, kif ukoll fuq l-esperjenza internazzjonali, nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti. Ġew żviluppati flimkien mal-partijiet interessati u mal-esperti tal-Istati Membri u jekk jitħaddnu mill-Istati Membri u jkomplu jiġu żviluppati jistgħu jipprovdu referenza għall-passiġġieri li jbaħħru domestikament fuq daww il-vapuri fl-ilmijiet tal-Unjoni. Jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-operaturi u l-manifatturi tal-Unjoni għas-suq tal-Unjoni uża' wkoll. Aktar żviluppi tal-qafas għandhom iqisu l-interessi tal-passiġġieri.
- (7) Din ir-Rakkomandazzjoni tinkludi għanijiet tas-sikurezza u rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti li huma aktar adattati għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu mistiedna biex jiggwidaw lilhom infushom bl-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti meħmuża f'din ir-rakkomandazzjoni, sabiex jiksbu approċċ iktar komuni lejn ir-regoli ta' sikurezza applikabbli għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mistiedna biex iwittu t-triq lejn approċċ iktar komuni għar-regoli tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri li huma inqas minn 24 metru fit-tul ('vapuri żgħar tal-passiġġieri') li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-Unjoni u la jkun ingeni ta' rikreazzjoni kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/53/UE u lanqas vapuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/45/KE, kif emendat bid-Direttiva (UE) 2017/2108 u applikabbli mill-21 ta' Diċembru 2019.
2. Għal dan l-għan huwa rakkomandat, li mill-21 ta' Diċembru 2019 'il quddiem, l-Istati Membri tal-UE, fuq bażi volontarja:
 - (a) jiggwidaw lilhom infushom, fejn rilevanti, bl-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali mhux vinkolanti għal vapuri żgħar tal-passiġġieri li jinsabu fl-Anness;
 - (b) jappoġġaw aktar ħidma analitika bil-għan li jidentifikaw u jkomplu jivvalutaw l-għanijiet u r-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) fil-qafas ibbażat fuq il-prestazzjoni, u biex jidentifikaw u jivvalutaw forom alternattivi possibbli għall-verifika u l-implimentazzjoni tagħhom. Din l-analiżi għandha tinkludi valutazzjoni tal-varjetà kbira ta' tipi u daqsijiet, materjal ta' kostruzzjoni u kondizzjonijiet operattivi tal-vapuri tal-passiġġieri;

(c) jinkoraġġixxu l-involviment tal-partijiet interessati, inkluż rappreżentanti tal-passiġġieri, f'dan il-proċess.

3. Din ir-Rakkomandazzjoni hi mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' sikurezza nazzjonali applikabbli għal vapuri tal-passiġġieri inqas minn 24 m fit-tul u ma tinterferixxix mad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu r-regoli ta' sikurezza applikabbli għal vapuri bħal dawn imsemmija fil-punt 1.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Gwida għall-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri

I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

I.1. DEFINIZZJONIJIET

Sakemm mhux iddikjarat mod ieħor, għall-iskopijiet ta' din il-Gwida mhux vinkolanti japplikaw id-definizzjonijiet fid-Direttiva 2009/45/KE.

Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

- (a) *"sistemi ta' sopravivenza"* tfisser sistemi indipendenti mill-vapur prinċipali li jistgħu jakkomodaw lill-persuni kollha abbord biex jiproteġuhom minn perikli għall-ħajja jew relatati mas-saħħa f'każ li l-vapur ikollu bżonn jiġi evakwat;
- (b) *"ħin tal-evakwazzjoni"* tfisser il-ħin li hemm bżonn biex il-persuni abbord kollha jitqiegħdu f'sistemi ta' sopravivenza.

I.2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Din il-Gwida tikkonċerna vapuri tal-passiġġieri ġodda bi gverta sħiħa ta' inqas minn 24 metru fit-tul, meta jkunu involuti fuq vjaġġi domestiċi.

Din il-Gwida ma tikkonċernax vapuri tal-passiġġieri li huma:

- (i) vapuri tal-gwerra u tat-truppi;
- (ii) vapuri tat-tbaħħir;
- (iii) vapuri li ma jaħdmux b'mezzi mekkaniċi;
- (iv) jottijiet tad-divertiment;
- (v) vapuri imħaddma esklussivament f'żoni portwarji;
- (vi) vapuri tas-servizzi offshore;
- (vii) offerti;

- (viii) inġenji ta' veloċità għolja;
- (ix) vapuri tradizzjonali;
- (x) ferries bil-kejbil; jew
- (xi) vapuri tal-injam b'binja primittiva.

I.3. GĦANIJIET

L-għanijiet prinċipali ta' din il-Gwida huma dawn li ġejjin:

- (1) Id-disinn, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-vapur u s-sistemi tiegħu għandhom jiżguraw is-sikurezza fuq il-baħar, il-prevenzjoni tal-korriment tal-bnedmin jew it-telf tal-ħajja u l-evitar tal-ħsara għall-ambjent, b'mod partikolari għall-ambjent marittimu u għall-proprietà.
- (1) In-nar għandu jiġi evitat, skopert, miżmum u mitfi, filwaqt li jinżammu sistemi ta' sikurezza essenzjali waqt u wara li jkun hemm nar.
- (2) It-tnaqqis tar-riskju għall-ħajja, għall-vapur, għall-merkanzija tiegħu u għall-ambjent minħabba nar.
- (3) Issalva u tgħin lill-ħajja tal-bnedmin waqt u wara sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż evakwazzjoni potenzjali tal-vapur.
- (4) L-iżgurar ta' komunikazzjonijiet u trażmissjoni u riċeviment effettivi ta' allerti ta' periklu.
- (5) L-iżgurar ta' navigazzjoni sikura.

I.4. KUNDIZZJONIJIET TAT-TĦADDIM

- (1) Il-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati (kemm il-parametri kif ukoll il-limitazzjonijiet) u l-limiti tal-istess rotta tat-tbaħħir għandhom jiġu definiti għal kull vapur. Dawk il-kundizzjonijiet jiddeterminaw l-istandards li għandu jissodisfa l-vapur.

- (2) Vapur għandu jopera biss fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati li għandhom jiġu riflessi fid-dokumentazzjoni uffiċjali tal-vapur.

I.5. SISTEMA TA' ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA

Kull vapur għandu jkun soġġett għal sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza adattata għall-operazzjonijiet imwettqa. Din is-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza għandha tiżgura s-sikurezza fuq il-baħar, il-prevenzjoni tal-korriment tal-bnedmin jew it-telf tal-ħajja u l-evitar tal-ħsara għall-ambjent, b'mod partikolari għall-ambjent tal-baħar u għall-proprjetà.

I.6. TRASPORT TAL-MERKANZIJA

Meta t-trasport tal-merkanzija u ta' oġġetti perikolużi jkun permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Gwida, għandhom jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin:

- (1) Il-merkanzija ttrasportata fuq vapuri għandha tiġi mmaniġġjata b'tali mod li s-sikurezza ta' dawk abbord, il-vapur u l-inħawi fejn jinsab ma tiġix ipperikolata.
- (2) Il-merkanzija għandha tiġi stivata u marbuta b'tali mod li jiġi mminimizzat ir-riskju li l-merkanzija tiċċaqlaq waqt it-trasport. Żoni ta' merkanzija, trasportaturi tat-tagħbija u arranġamenti ta' rbit tal-merkanzija għandhom jitfasslu u jinżammu sabiex ikunu jistgħu jassorbu l-forzi li jistgħu jirriżultaw minħabba aċċelerazzjoni waqt it-trasport.
- (3) Oġġetti perikolużi għandhom jiġu ttrasportati b'tali mod li s-sikurezza ta' dawk abbord, tal-vapur u taż-żona fejn jinsab ma tiġix ipperikolata u biex l-impatt fuq l-ambjent tal-madwar ikun imminimizzat.

I.7. INNOVAZZJONI TEKNIKA

Meta soluzzjoni innovattiva timplika perikli addizzjonali għal dawk identifikati f'din il-Gwida, għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw dawn il-perikli.

I.8. TAGĦMIR TAL-BAĦAR LI JINĠARR FUQ IL-VAPURI

Ħlief għaż-żoni koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-armonizzazzjoni tal-prodotti u sa fejn din tkun applikabbli għat-tagħmir tal-baħar li jinġarr fuq il-vapuri⁷, it-tagħmir tal-baħar installat fuq vapuri tal-passiġġieri fl-ambitu ta' din il-Gwida għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġġustifikati kif xieraq, fejn l-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera kompetenti tippermetti l-installazzjoni ta' tagħmir li ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva, għandha tiżgura li dan it-tagħmir jipprovdi livell ekwivalenti ta' sikurezza fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.

⁷ Għandu jiġi mfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-armonizzazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti tapplika għal ċertu tagħmir tal-baħar li jinġarr fuq il-vapuri, b'mod partikolari id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

⁸ Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

II-1 KOSTRUZZJONI, STABBILTÀ, KONTROLL TAL-VAPUR U INSTALLAZZJONIJIET TAL-ENERĠIJA

II-1.1. SAĦĦA STRUTTURALI

Rekwiżiti Funzjonali

L-istruttura tal-vapur għandha tkun imfassla, mibnija u miżmuma sabiex tipprovdni s-saħħa meħtieġa biex tkun tiflaħ it-tagħbijiet u l-istressijiet li jkun soġġett għalih il-vapur fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.

Perikli Indirizzati

Falliment strutturali minħabba serratizzi li ma jifilħux għat-tagħbijiet u għall-istressijiet li se jkun soġġett għalihom il-vapur.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

Id-disinn, il-konstruzzjoni u l-manutenzjoni tal-istruttura għandhom jikkonformaw mal-istandards speċifikati għall-klassifikazzjoni bir-regoli ta' organizzazzjoni rikonoxxuta jew regoli ekwivalenti użati minn Amministrazzjoni tal-Istat bandiera, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.

II-1.2. L-ANKRAR

Rekwiżiti Funzjonali

Vapur għandu jkun kapaċi jinżamm f'postu marbut ma' post f'qiegħ tal-baħar mingħajr l-użu tal-enerġija.

Perikli Indirizzati

Telf ta' kontroll – il-vapur ikun jista' jinġarr mal-kurrent waħdu, u potenzjalment dan jista' jirriżulta f'ħabta jew f'li l-vapur jinkalja¹⁰.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jippermettu li jżommu l-vapur marbut ma' qiegħ tal-baħar indipendentement mid-disponibbiltà tal-enerġija jew tal-propulsjoni jew tat-tnejn li huma.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p.11).

¹⁰ Huwa rikonoxxut li l-ankraġġ tal-vapur ma' punt f'qiegħ tal-baħar ma jistax jiġi ggarantit f'kull sitwazzjoni. Dan jiddependi fuq ħafna fatturi bħat-tip ta' art, il-fond tal-baħar, il-kundizzjonijiet tal-ambjent, eċċ. iżda f'ċirkostanzi xierqa jista' jtaffi l-ġarr mal-kurrent.

II-1.3. RMIĠĠ

Rekwiżiti Funzjonali

Vapur għandu jkun jista' jiġi rmiġġat u, wara, mingħajr l-użu tal-enerġija, jibqa' marbut mal-moll jew ma' kwalunkwe post ta' rmiġġ.

Perikli Indirizzati

- Ġarr mal-kurrent b'mod liberu tal-vapur fil-port.
- It-tkissir tal-elementi ta' rmiġġ.
- Is-sikurezza tal-persuni li jimbarkaw u jiżbarkaw.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex bihom ikun jista' jsir l-irbit tal-vapur mal-moll jew ma' kwalunkwe post ta' rmiġġ ieħor, indipendentement mid-disponibbiltà tal-enerġija jew propulsjoni, jew it-tnejn.
- (b) L-iktar element dgħajjed fis-sistema rispettiva għandu jkun kapaċi jiflaħ it-tagħbijiet mistennija meta l-vapur ikun irmiġġat miegħu.
- (c) Għandu jiġi żgurat li l-vapur jinżamm fil-pożizzjoni waqt li l-passiġġieri jimbarkaw u jiżbarkaw.

II-1.4. SISTEMA TA' RMUNKAR

Rekwiżiti Funzjonali

Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet biex jippermettu li l-vapur jiġi rmunkat.

Perikli Indirizzati

Telf ta' kontroll – għandu jkun possibbli li l-vapur jiġi rmunkat f'każ ta' telf ta' propulsjoni jew ta' direzzjoni, jew it-tnejn.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

Il-qawwa tas-sistema għandha tkun biżżejjed biex tiflaħ tagħbijiet ta' rmunkar taħt l-aġar każ ta' kundizzjonijiet tat-tħaddim.

II-1.5. TANKIJET

Rekwiżiti Funzjonali

L-arranġamenti tat-tankijiet għandhom jiġu ddisinjati u l-likwidi għandhom jinħażnu b'tali mod li tiġi pprevenuta l-ħsara fuq il-persuni abbord u fuq il-vapur.

Perikli Indirizzati

- Splużjoni minħabba konċentrazzjoni ta' gassijiet perikolużi fit-tankijiet.
- Tixrid ta' likwidi maħżuna fit-tankijiet.
- Ħsara strutturali minħabba pressjoni eċċessiva fit-tankijiet.
- Telf tal-enerġija: id-dħul tal-ilma fit-tankijiet li jkun fihom karburant jew żejt ta' lubrifikazzjoni, li jikkawża l-falliment ta' propulsjoni jew il-ġenerazzjoni tal-enerġija.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jipprevjenu t-tqabbid tal-fwar f'tank.
- (b) Għandu jkun possibbli li jiġi ddeterminat il-livell ta' fluwidu f'tank u fi spazji vojta mhux aċċessibbli.
- (c) Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jipprevjenu nuqqas ta' pressjoni jew pressjoni eċċessiva.
- (d) Id-dħul tax-xita jew tal-ilma tal-baħar fit-tankijiet li jkun fihom il-karburant jew iż-żejt tal-lubrifikazzjoni għandu jiġi evitat anke jekk jinkisru l-arranġamenti biex tiġi evitata pressjoni eċċessiva jew it-tqabbid tal-fwar.
- (e) Meta jkun hemm bżonn għandu jiġi pprovdut dħul sikur fit-tank.

II-1.6. Imbark u żbark¹¹

Rekwiżiti Funzjonali

Il-passiġġieri u l-ekwipaġġ għandhom ikunu jistgħu jimbarkaw b'mod sikur fuq il-vapur u jiżbarkaw b'mod sikur mill-vapur.

Perikli Indirizzati

- Korrimenti ta' persuni waqt l-imbark u l-iżbark
- Persuni li jwegġġghu b'vetturi waqt li jimbarkaw u jiżbarkaw.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jiġi evitat li l-ekwipaġġ u l-passiġġieri jwegġġghu waqt li jkunu qegħdin jimbarkaw jew jiżbarkaw, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-possibbiltà li wieħed jaqa' bejn il-vapur u l-moll jew kwalunkwe post ta' rmiġġ ieħor.
- (b) L-art użata għall-imbark u għall-iżbark għandha tkun reżistenti għaż-żlieq, speċjalment meta tkun imxarrba.
- (c) Il-persuni li jkunu mexjin għandhom jiġu sseparati mit-traffiku tal-vetturi.
- (d) Il-faċilitajiet tal-imbark u tal-iżbark għall-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa għandhom ikunu mfassla għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

II-1.7. FREEBOARD

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) Il-vapur għandu jkollu freeboard u għoli tal-pruwa biżżejjed għall-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati:
 - 1.1. Biex jipprovdi riserva ta' kapaċità taż-żamma fil-wieċ.
 - 1.2. Biex jipprevjeni t-tbaħħir żejjed tal-ibħra.
- (2) Is-saħħa u l-istabbiltà strutturali tal-vapur għandhom ikunu biżżejjed għall-fundar tal-baħar li jikkorrispondi għall-freeboard assenjat.

¹¹ Is-sistemi bbażati fuq ix-xatt mhumiex koperti.

Perikli Indirizzati

- Għarqa jew qlib.
- Ħsara strutturali minħabba tagħbija eċċessiva.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Il-vapur, fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati għandu jkollu freeboard li:
- a.1. tippermetti l-vapur jibqa' fil-wiċċ b'riserva ta' kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma;
- a.2. tipprevjeni li t-tbaħħir ifixkel il-kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma tal-vapur, b'mod partikolari fil-parti ta' quddiem.
- (b) Il-pixka (draught) li tikkorrispondi mal-freeboard assenjata (pixka massima) għandha tiġi mmarkata b'tali mod li tkun viżibbli għal osservatur estern.
- (c) Il-pixka ta' quddiem u ta' wara għandhom jiġu mmarkati b'tali mod li jkunu viżibbli għall-osservatur estern.
- (d) Għandu jiġi vverifikat li l-istabbiltà u s-saħħa strutturali huma biżżejjed għall-kundizzjoni ta' tagħbija li tikkorrispondi għall-freeboard assenjata (pixka).

II-1.8. STABBILTÀ

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) Il-vapur għandu jkollu reżistenza għall-inklinazzjoni sabiex ma jinqalibx meta jiġi disturbat u enerġija ta' restawr biżżejjed biex jerġa' lura għal pożizzjoni wieqfa ladarba jitneħħa d-disturb, fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.
- (2) Wara inċident ta' għargħar fiż-żona li mhux suppost jidħol ilma fiha u f'kuntatt mal-qoxra jimtela bl-ilma, il-vapur għandu jkun jista' jibqa' fil-wiċċ f'kundizzjoni tali li tippermetti lin-nies kollha abbord jevakwaw il-vapur.

Perikli Indirizzati

- Għarqa jew qlib f'kundizzjoni intatta
- Għarqa jew qlib f'kundizzjoni ta' ħsara.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Fil-kundizzjonijiet ta' tagħbija previsti, fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati ta' mewġ u riħ il-vapur għandu:
 - a.1. jirreżisti l-irroljar jew il-mejl ikkawżat mid-disturbi;
 - a.2. jerġa' lura għall-pożizzjoni wieqfa minn rolljar jew mejl ikkawżati minn disturb, wara t-tneħħija tad-disturb.
- (b) Wara inċident ta' għargħar fiż-żona li fiha mhux suppost li jidħol ilma u f'kuntatt mal-qoxra jimtela bl-ilma, il-vapur għandu jibqa' fil-wiċċ u jżomm stabbiltà adegwata:
 - b.1. f'angolu kompatibbli mal-iskjerament tas-sistemi ta' sopravivenza rilevanti kif indikat fil-Kapitolu III.
 - b.2. f'angolu kompatibbli mal-possibbiltà tal-passiġġieri li jiċċaqalqu tul il-vapur.
- (c) Meta tiġi kkalkulata l-kundizzjoni li fiha l-vapur jibqa' fil-wiċċ u jżomm stabbiltà adegwata wara ħsara, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-mumentanti ta' inklinazzjoni li jseħħu relatati ma' din is-sitwazzjoni f'termini tal-pożizzjoni tal-passiġġieri, l-użu ta' apparat li jsalva l-ħajja u kundizzjonijiet tal-istat tat-temp u l-baħar.

II-1.9. REŻISTENZA GĦALL-ILMA U T-TEMP

Rekwiżiti Funzjonali

Il-vapur għandu jkun iddisinjat biex jipprovdi livell ta' reżistenza għall-ilma u t-temp li jipproteġi lill-vapur mill-ħalel u mid-dħul tal-ilma li jista' jipperikola l-kapaċità taż-żamma fil-wiċċ jew l-istabbiltà, fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.

Perikli Indirizzati

L-għarqa jew il-qlib minħabba akkumulazzjoni mhux intenzjonata ta' ilma fil-vapur.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Il-vapur għandu jkollu għonot li jifilħu għad-dħul tal-ilma u li jifilħu għat-temp biex jipprevjenu l-akkumulazzjoni tal-ilma fi spazji li jistgħu jipperikolaw l-istabbiltà ddisinjata jew il-parametri taż-żamma fil-wiċċ fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim maħsuba.
- (b) Il-vapuri kollha għandhom jiġu ddisinjati b'livell li taħtu għandu jkun tali li ma jidħolx ilma fih fil-kundizzjonijiet operattivi intenzjonati: il-livell li ma jidħolx ilma fih
- (c) L-istruttura esterna u l-fittings esterni tal-vapur għandhom ikunu jifilħu għat-temp 'il fuq mil-livell li ma jidħolx ilma fih, għallinqas, sal-gverta jew il-livell ta' wara.
- (d) Il-parti ta' quddiem tal-vapur għandha tipprovdi protezzjoni kontra d-dħul tal-ilma għall-bqija tal-vapur mill-konsegwenzi ta' kolliżjoni.
- (e) Għandha tkun installata sistema li tkun kapaċi tneħħi likwidu akkumulat minn kwalunkwe spazju li mhux suppost jidħol ilma fih fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati. Fl-ispezzji tal-makkinarju, għandha tiġi pprovduta sistema ta' allarm ta' livell għoli haḥna.
- (f) Il-gvieret esposti kollha għandhom ikunu b'tali mod li jbattlu l-ilma b'mod awtomatiku.

II-1.10. IL-PROTEZZJONI TAL-PERSUNI ABBORD

Rekwiżiti Funzjonali

Kwalunkwe sistema, apparat jew tagħmir installat fuq il-vapur għandu jkun iddisinjat u installat b'tali mod li ma jikkawżax korriment lil xi persuna abbord.

Perikli Indirizzati

Korriment lil persuni abbord.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Il-persuni abbord għandhom jiġu protetti minn dan kollu li ġej:
 - a.1. partijiet li jiċċaqalqu;
 - a.2. elementi li jaħarqu;

- a.3. partijiet li jistgħu jikkawżaw xokk elettriku;
 - a.4. uċuh li jiżolqu;
 - a.5. livelli eċċessivi ta' storbju u vibrazzjonijiet;
 - a.6. elementi taħt tagħbija;
 - a.7. sustanzi tossiċi.
- (b) Għandhom jiġu pprovduti mezzi li jipproteġu lill-persuni kollha abbord milli jaqgħu fil-baħar.

II-1.11. PROPULSJONI U TMUN

Rekwiżiti Funzjonali

Għandu jkun possibbli li jiġu kkontrollati kemm il-veloċità kif ukoll id-direzzjoni tal-vapur fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati, inkluż xenarji ta' falliment potenzjali.

Perikli indirizzati

Inabbiltà ta' manuvrar minħabba nuqqas ta' kapacià ta' għoti ta' direzzjoni jew propulsjoni, li potenzjalment tirriżulta f'kolliżjoni jew inkaljar.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandu jiġi pprovdut eċċess tat-tagħmir ta' propulsjoni u ta' għoti ta' direzzjoni, inkluż kwalunkwe servizz awżiljarju, filwaqt li jitqies id-daqs tal-vapur u ż-żona operattiva.
- (b) Għandu jkun possibbli li tikkontrolla l-funzjonijiet prinċipali tal-makkinarju ta' propulsjoni (mekkaniku, elettriku, eċċ.) mill-pont tan-navigazzjoni, inkluż il-veloċità u d-direzzjoni tal-forza propulsiva, fi kwalunkwe valur ta' mejl u inklinazzjoni lonġitudinali fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.
- (c) Indikaturi operattivi li jipprovdu allert bikri ta' kwalunkwe modalità ta' falliment fil-propulsjoni jew it-tmun għandhom ikunu disponibbli għall-kaptan fil-pont tan-navigazzjoni.
- (d) Il-modalitajiet ta' falliment li jistgħu jħallu lill-vapur mingħajr il-kontroll tal-propulsjoni jew għoti ta' direzzjoni għandhom jiġu indikati b'allarm viżibbli u li jinstema' fil-pont tan-navigazzjoni u jekk ikun bl-ekwipaġġ, fl-ispazju tal-makkinarju rilevanti.

- (e) Għandu jkun possibbli li jkun hemm kontroll lokali tal-veloċità u l-għoti ta' direzzjoni.
- (f) Għandhom jiġu pprovduti mezzi ta' ordnijiet ta' komunikazzjoni mill-pont tan-navigazzjoni għall-pożizzjonijiet tal-kontroll lokali għall-propulsjoni u t-tmun.
- (g) Għandu jkun possibbli li tibda u twaqqaf is-sistema ta' propulsjoni prinċipali u li toperaha, minn pożizzjoni ta' vapur wieqaf, mingħajr rikors għal sorsi ta' enerġija esterni.
- (h) Id-disinn, il-bini u l-manutenzjoni tal-makkinarju prinċipali u awżiljarju meħtieġ biex jikkontrolla l-veloċità u d-direzzjoni tal-vapur għandhom jikkonformaw mal-istandards speċifikati għall-klassifikazzjoni mir-regoli ta' organizzazzjoni rikonoxxuta jew regoli ekwivalenti użati minn Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 391/2009.

II-1.12. SORS TA' ENERĠIJA TA' EMERĠENZA

Rekwiżiti Funzjonali

Is-sistemi ta' sikurezza essenzjali għandhom jingħataw l-enerġija minn mill-inqas żewġ sorsi ta' enerġija differenti indipendenti minn xulxin, waħda minnhom is-sors ta' enerġija ta' emerġenza li huwa esklussivament iddedikat għal sistemi ta' sikurezza essenzjali.

Perikli indirizzati

- Il-falliment ta' sistemi ta' sikurezza essenzjali minħabba nuqqas ta' enerġija.
- Il-falliment li tixgħel jew tħaddem sorsi ta' enerġija ta' emerġenza minħabba kundizzjonijiet ta' temperatura jew mejl u inklinazzjoni lonġitudinali.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Is-sors ta' enerġija ta' emerġenza għandu jiġi attivaw awtomatikament f'każ li jkun hemm falliment fis-sorsi tal-enerġija l-oħrajn li jagħtu l-enerġija lil sistemi ta' sikurezza essenzjali.
- (b) Is-sors ta' enerġija ta' emerġenza u s-sistema ta' distribuzzjoni assoċjata għandhom ikunu ppożizzjonati b'tali mod li s-sistema tibqa' taħdem f'każ ta' nar, f'każ ta' dħul tal-ilma jew f'każ ta' inċident ieħor li jaffettwa s-sorsi tal-enerġija li jagħtu l-enerġija lis-sistemi ta' sikurezza essenzjali.

- (c) Is-sistemi ta' sikurezza essenzjali, meta jkunu mwaħħlin, huma dawn kollha li ġejjin:
- c.1. tagħmir tad-drenaġġ;
 - c.2. tagħmir tad-detezzjoni tan-nar;
 - c.3. pompa tat-tifi tan-nar ta' emerġenza u, fejn ikun rilevanti, sistemi ta' bexxiexa;
 - c.4. it-tagħmir ta' komunikazzjoni meħtieġ biex jāvża lill-persuni kollha abbord, biex iwissi u jitkellem mas-servizzi ta' tiftix u ta' salvataġġ u jittrażmetti sinjali attivi li jippermettu l-lokalizzazzjoni tal-vapur;
 - c.5. allarmi u allerti;
 - c.6. dwal tan-navigazzjoni u t-tagħmir meħtieġ għaż-żamma ta' funzjonijiet tan-navigazzjoni;
 - c.7. dwal ta' emerġenza inkluż dak meħtieġ għal rotot ta' ħrib f'emerġenza;
 - c.8. kwalunkwe sistema oħra meħtieġa biex tippermetti lill-persuni kollha abbord jevakkaw il-vapur.
- (d) Is-sistemi ta' sikurezza essenzjali għandhom mill-inqas jinżammu għaż-żmien mistenni biex tiġi riċevuta assistenza jew biex isir salvataġġ minn mezzi esterni.
- (e) Is-sorsi ta' enerġija ta' emerġenza għandhom:
- e.1. joperaw b'mod effiċjenti fi kwalunkwe mejl u inklinazzjoni lonġitudinali fil-kundizzjonijiet ta' ħsara previsti u operattivi intenzjonali u
 - e.2. jkunu kapaċi jiġu operati minnufih fi kwalunkwe temperatura fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.
- (f) Id-disinn, il-konstruzzjoni u l-manutenzjoni tas-sorsi tal-enerġija ta' emerġenza u tas-sistema ta' distribuzzjoni tagħhom għandhom jikkonformaw mal-istandards speċifikati għall-klassifikazzjoni bir-regoli ta' organizzazzjoni rikonoxxuta jew regoli ekwivalenti użati minn Amministrazzjoni tal-Istat bandiera, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

II-2 SIKUREZZA KONTRA N-NAR

II-2.1. IT-TQABBID

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) Għandu jiġi evitat it-tqabbid ta' materjali kombustibbli u likwidi, gassijiet u fwar f'ammabbli.
- (2) Materjali kombustibbli, likwidi f'ammabbli u żoni fejn jistgħu jikkumulaw gassijiet f'ammabbli jew fwar għandhom jiġu identifikati, kif ukoll sorsi ta' tqabbid potenzjali bħal batteriji għall-propulsjoni.

Perikli indirizzati

It-tqabbid ta' materjal kombustibbli jew likwidi u gassijiet u fwar f'ammabbli.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jevitaw u jikkontrollaw tnixxijiet ta' likwidi f'ammabbli.
- (b) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jillimitaw l-akkumulazzjoni tal-gassijiet u fwar f'ammabbli.
- (c) Is-sorsi ta' tqabbid għandhom jiġu separati mill-materjali kombustibbli, likwidi u gassijiet f'ammabbli.
- (d) Il-likwidi u l-gassijiet f'ammabbli għandhom jinħażnu fi spazji ddedikati.
- (e) Għandhom jittieħdu miżuri ta' sikurezza addizzjonali, inkluż l-użu tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' F'ammabilità Baxx (Kodiċi IGF), jekk jintuża karburant b'punt ta' f'ammabilità taħt is-60°C.

II-2.2. IT-TIXRID TAN-NIRIEN

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) Għandu jiġi pprovdut mezz ta' kontroll għall-provvediment tal-arja għal kull spazju magħluq.
- (2) Għandu jiġi pprovdut mezz ta' kontroll biex iwaqqaf il-fluss tal-likwidi f'ammabbli.
- (3) It-tagħbija tan-nirien tal-ispazji abbord għandha tkun limitata.

Perikli indirizzati

Tixrid tan-nirien.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandu jkun possibbli li jingħalqu l-kanali ta' ventilazzjoni kollha ta' spazji b'riskju għoli ta' nirien u ta' spazji li jeħtieġu protezzjoni kbira min-nirien minn pożizzjoni barra l-ispazju.
- (b) Għandu jkun possibbli li twaqqaf kwalunkwe ventilazzjoni b'mutur minn pożizzjoni barra l-ispazju fejn hija installata l-ventilazzjoni.
- (c) Il-ventilazzjoni tal-ispazji ta' akkomodazzjoni għandha tkun indipendenti mill-ventilazzjoni minn kwalunkwe spazju b'riskju kbir ta' nar.
- (d) Għandu jiġi pprovdut mezz ta' kontroll biex tkun tista' titwaqqaf kwalunkwe sistema li tuża likwidi f'jammabbli, eż. pompi tal-karburant, pompi taż-żejt lubrifikant, pompi taż-żejt termali u separaturi taż-żejt (purifikaturi).
- (e) L-uċuħ esposti li ġejjin għandu jkollhom karatteristiċi ta' tixrid tal-fjamma baxxi ħafna.
 - e.1. kurituri u turġien li jiffurmaw parti minn rotta ta' ħruġ mill-periklu;
 - e.2. soqfa u kisi fl-ispazji ta' akkomodazzjoni, spazji ta' servizz u stazzjonijiet ta' kontroll.
- (f) Materjal kombustibbli, meta jiġi installat għandu jkollu valur kalorifiku limitat. Dan il-limitu għandu jiddependi fuq il-materjal tal-konstruzzjoni tal-vapur, iżda fl-ebda każ m'għandu jkun oġġla minn 45MJ/m².
- (g) It-tagħbija ta' nar massima f'kull spazju għandha tkun limitata f'konformità mal-MS.C.1/Circ. 1003 jew standard ekwivalenti ieħor.

II-2.3. IL-ĠENERAZZJONI TAD-DUĦĦAN U T-TOSSIĊITÀ

Rekwiżiti Funzjonali

Il-kwantità ta' duħħan u ta' prodotti tossiċi rilaxxati minn materjali waqt nar għandha tkun limitata, inkluż fil-każ ta' finituri tal-uċuħ.

Perikli indirizzati

Periklu għall-ħajja minn duħħan u minn prodotti tossiċi ġġenerati waqt nar fi spazji fejn il-persuni għandhom l-aċċess.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Żebgħa, verniċ u finituri oħrajn użati fuq uċuh interni esposti m'għandhomx ikunu jipproduċu kwantitajiet eċċessivi ta' duħħan u prodotti tossiċi.
- (b) Il-kisi tal-gverta primarja, jekk jiġi applikat fl-ispace tas-servizzi u l-akkomodazzjoni u l-istazzjonijiet ta' kontroll, għandu jkun ta' materjal approvat li m'għandux jagħti lok għal perikli splussivi jew tossiċi jew ta' duħħan f'temperaturi elevati.

II-2.4. DETEZZJONI TAN-NAR U ALLARM

Rekwiżiti Funzjonali

Installazzjonijiet fissi ta' sistemi ta' detezzjoni tan-nar u sistemi ta' allarm ta' nar għandhom ikunu xierqa għan-natura tal-ispace, il-potenzjal tat-tkabbir tan-nar u ġenerazzjoni potenzjali ta' duħħan u gassijiet.

Perikli indirizzati

In-nuqqas ta' detezzjoni tan-nar abbord fi stadju bikri biex jiġi pprovdut biżżejjed ħin għat-tifi tan-nar jew l-abbandun sikur, jew it-tnejn.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu pprovduti mezzi ta' detezzjoni tan-nar fi spazji ta' riskju għoli u spazji klassifikati bħala li jeħtieġu protezzjoni kbira min-nar f'konformità mal-punt II-2.5(a).
- (b) Il-mezzi ta' detezzjoni tan-nar għandhom jipprovdu sinjal fil-pont tan-navigazzjoni f'każ ta' nar. Dan is-sinjal għandu jkun akkumpanjat minn allarm li jinstema'.
- (c) Jekk l-allarm li jinstema' fil-pont tan-navigazzjoni ma jiġix rikonoxxut f'ħin raġjonevoli, imbagħad għandu jinstema' f'kull space tal-vapur fejn l-ekwipaġġ għandu aċċess.
- (d) Il-livell tal-ħoss tal-allarm għandu jkun aġġustat skont il-livell ta' storbu fuq il-vapur f'operazzjoni normali, sabiex ikun jista' jinstema' mill-ekwipaġġ.
- (e) Għandu jkun possibbli li tidentifika l-ispace fejn ikun ġie skopert in-nar.

II-2.5. PROTEZZJONI KONTRA NIRIEN STRUTTURALI

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) In-nirien għandhom jinżammu fl-ispazju tal-orġini, sabiex jiġi pprovdut ħin biżżejjed għat-tifi tan-nar jew biex il-persuni kollha abbord jevakwaw il-vapur, jew għat-tnejn.
- (2) Kull vapur għandu jiġi subdiviż b'konfini termali u strutturali.

Perikli indirizzati

Persuni abbord feruti minn nar qabel jaslu f'sistema ta' sopravivenza.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) L-ispazji abbord għandhom jiġu klassifikati kif ġej:
 - a.1. Spazji b'riskju ta' nar għoli, inkluż:
 - spazji li fihom makkinarju ta' kombustjoni intern;
 - spazji ro-ro;
 - spazji li fihom likwidi f'ammabbli;
 - ċerti kompartimenti tal-batteriji tal-elettriku ta' kapaċità għolja.
 - a.2. Spazji li jeħtieġu protezzjoni għolja min-nar, inkluż:
 - rotot ta' ħruġ mill-periklu, inkluż turġien u kurituri;
 - stazzjonijiet ta' kontroll;
 - spazji ta' akkomodazzjoni;
 - spazji fejn jinġemgħu in-nies u spazji tal-imbarkazzjoni;
 - spazji ta' makkinarju ta' propulsjoni u ta' għoti ta' direzzjoni;
 - kompartimenti użati għall-konverżjoni tal-enerġija elettrika, id-distribuzzjoni u t-tagħmir tal-ħżin (batteriji).

- (b) Bejn spazju b'riskju għoli ta' nar u spazju li jeħtieġ protezzjoni għolja kontra nar għandu jkun hemm konfini termali li jipprovdu protezzjoni strutturali kontra n-nirien (SFP, structural fire protection).
- (c) L-SFP tal-konfini termali għandha tevita l-passaġġ tal-fjamma u tad-duħħan għal 60 minuta bħala regola ġenerali. Dan il-ħin jista' jitnaqqas bħala funzjoni tal-ħin tal-evakwazzjoni kkalkulat f'konformità mal-punt II-2.6, iżda fl-ebda każ m'għandu jkun inqas minn 30 minuta.
- (d) F'konfini termali magħmula mill-azzar, it-temperatura medja tal-parti mhux esposta m'għandhiex togħla iktar minn 140 °C 'il fuq mit-temperatura oriġinali u t-temperatura fl-ebda punt, inkluż kwalunkwe ġonta, m'għandha togħla iktar minn 180°C 'il fuq mit-temperatura oriġinali waqt il-ħin tal-SPF meta soġġetti għat-test tan-nar standard.
- (e) Meta materjali differenti mill-azzar jintużaw fil-konfini termali, l-iżolament għandu jkun wieħed fejn il-qalba strutturali ma tilħaqx temperatura li ttlef il-proprjetajiet strutturali tagħha waqt il-ħin tal-SFP. Pereżempju, it-temperatura tal-aluminju li għandha titqies hija 200 °C.
- (f) Għall-vapuri li mhumieq tal-azzar, kull limitu ta' spazju ta' riskju għoli ta' nar f'kontatt mal-qoxra għandu jiġi pprovdut b'konfini termali.
- (g) Il-protezzjoni kontra nirien tal-kanali ta' ventilazzjoni għandha tkun l-istess bħal dik tal-ispazju fejn ikunu installati.

II-2.6. ĦIN TAL-EVAKWAZZJONI

Rekwiżiti Funzjonali

Il-ħin meħtieġ biex jiġi evakwat il-vapur għandu jiġi kkalkulat¹² jew muri abbord, jew it-tnejn, għal kull vapur.

Perikli indirizzati

Imwiet jew korrimenti f'każ ta' emerġenza li teħtieġ l-evakwazzjoni tal-vapur.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Fid-determinazzjoni tal-ħin tal-evakwazzjoni, il-mezzi ta' ħruġ mill-periklu għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jistgħu jintużaw.

¹² MSC.1/Circ.1533 u MSC.1/Circ.1166, kif emendat, jistgħu iservu bħala referenza għall-kunċett ta' kalkolu.

- (b) Il-ħin ta' evakwazzjoni espress f'minuti għandu jkun taħt il-valur li ġej:

$$\text{Ħin massimu} = (\text{SFP}-7)/3$$

Fejn SFP huwa l-ħin tal-protezzjoni kontra nar strutturali f'minuti.

II-2.7. IT-TIFI TAN-NAR

Rekwiżiti Funzjonali

In-nirien għandhom jittrażżnu u jintfew fl-ispazju tal-oriġini.

Perikli indirizzati

Tixrid tan-nirien.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandu jkun possibbli li tilħaq kull spazju tal-vapur fejn il-persuni jkollhom aċċess u gvieret miftuħa b'ġett ta' ilma bi pressjoni effettiva u kapaċità adattata għall-vapur inkunsiderazzjoni.
- (b) Għandhom jiġu installati mill-inqas żewġ pompi tan-nar tal-ilma fuq il-vapur, waħda minnhom titħaddem mis-sors ta' enerġija ta' emerġenza (pompa tan-nar ta' emerġenza).
- (c) Il-pompa tan-nar ta' emerġenza u l-ġbid tal-arja tagħha għandha tkun lokalizzata fi spazju separat minn dawg b'pompi tan-nar oħrajn u separati b'barriera termali minn spazji ta' makkinarju ta' propulsjoni.
- (d) L-ispazji kollha b'riskju kbir ta' nar għandhom jiġu pprovduti b'sistema ta' tifi tan-nar fissa.
- (e) Għandu jkun hemm sistemi ta' bexxiexa fl-ispazji tal-akkomodazzjoni tal-irqad.
- (f) Għandu jkun hemm apparat tat-tifi tan-nar portabbli fil-viċinanza tad-daħla tal-ispazji b'riskju kbir ta' nar jew li għandhom bżonn ta' protezzjoni min-nar għoli.
- (g) Il-mezz użat għall-mezz tat-tifi tan-nar fiss jew portabbli:

g.1. għandu jkun xieraq skont it-tip ta' nar li x'aktarx ikun hemm fl-ispazju protett u

g.2. m'għandux ikun ta' ħsara għall-ħajja tal-bniedem sakemm ikun hemm:

- mezzi biex jiġi żgurat li l-ispazju jista' jkun magħluq totalment u kwalunkwe fetħa tingħalaq minn barra tal-ispazju; u
- mezzi biex jiżguraw li l-ebda persuna ma tkun ġewwa l-ispazju qabel ma jinbeda t-tifi tan-nar rilevanti.

II-2.8. MEZZI TA' HRIB

Rekwiżiti Funzjonali

Il-persuni abbord għandhom ikunu jistgħu jilhqqu sistema ta' sopravivenza permezz ta' rotot ta' ħrib aċċessibbli, li huma mmarkati b'mod viżibbli, ħielsa minn ostakoli u protetti min-nirien u għargħar.

Perikli indirizzati

Persuni abbord li ma jkunux jistgħu iħallu l-vapur f'każ ta' evakwazzjoni.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Il-vapuri għandhom jiġu pprovduti b'mill-inqas żewġ mezzi ta' ħrib minn kull spazju okkupat normalment, li eventwalment iwasslu għall-pożizzjonijiet ta' imbarkazzjoni.
- (b) Iż-żewġ mezzi ta' ħrib għandhom ikunu b'tali mod li fi kwalunkwe xenarju ta' nar plawżibbli, iż-żewġ mezzi ta' ħruġ mill-periklu ma jkunux imblukkati.
- (c) Il-mezzi ta' evakwazzjoni għandhom:
 - c.1. għandhom jiġu pprovduti b'puġġamani;
 - c.2. m'għandhomx jiġu ostakolati;
 - c.3. għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar, b'marki viżibbli f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà baxxa.
 - c.4. għandhom jiġu pprovduti b'illuminazzjoni mħaddma minn żewġ sorsi ta' enerġija, waħda minnhom tkun is-sors ta' enerġija ta' emerġenza; u

c.5. għandhom ikunu wesgħin biżżejjed biex jippermettu l-moviment ħieles tal-persuni abbord, inkluż persuni libsin tagħmir protettiv, it-trasport ta' persuni fuq streċers u persuni b'diżabbiltà.

(d) Pjanijiet li juru r-rotot ta' ħrib għandhom jintwerew fuq ġewwa ta' kull kabina, jekk ikun applikabbli u fl-ispazji pubbliċi.

III APPARAT U ARRANĠAMENTI TAS-SALVATAĠĠ

III.1. PRONTEZZA ĠENERALI BIEX JINTUŻA L-APPARAT TA' SALVATAĠĠ

Rekwiżiti funzjonali

L-apparat kollu tas-salvataġġ (LSA) għandu jkun fi stat ta' prontezza kontinwa, indipendentement mill-provvisti tal-vapur fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati.

Perikli Indirizzati

- Il-korrimient tal-persuni abbord waqt operazzjonijiet normali, taħriġ, manutenzjoni jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
- Malfunzjoni jew dewmien meta jintuża LSA f'emerġenza vera jew waqt taħriġ jew eżerċizzji ta' Prattika.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

L-apparat tas-salvataġġ għandu jkun:

- (a) faċilment aċċessibbli;
- (b) mhux ostakolat u mhux imsakkar;
- (c) operabbli u kapaċi jintuża indipendentement mill-provvisti tal-enerġija tal-vapur;
- (d) miżmum fi stat ta' prontezza kontinwa;
- (e) kapaċi jopera fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim intenzjonati; u

- (f) kapaċi jiġi skjerat fi kwalunkwe mejl u inklinazzjoni lonġitudinali fil-kundizzjonijiet ta' ħsara previsti u operattivi intenzjonati.

III.2. PROVVEDIMENT TAL-INFORMAZZJONI TA' EMERĠENZA

Rekwiżiti funzjonali

Jiġu pprovduti informazzjoni u istruzzjonijiet ta' emerġenza diġà disponibbli lill-persuni kollha abbord, skont l-assenjazzjoni tagħhom għall-apparat li jsalva l-ħajja.

Perikli Indirizzati

Nuqqas ta' informazzjoni u istruzzjonijiet xierqa għall-passiġġieri rigward il-proċeduri ta' emerġenza, li potenzjalment jikkawża dewmien addizzjonali, konfużjoni jew paniku.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni lill-persuni kollha abbord għandhom ikunu:
- a.1. ppreżentati b'tali mod li jagħmilhom possibbli li jinftiehm (eż. l-istil u l-lingwa); u
 - a.2. distribwiti b'mod ċar mal-vapur kollu.
- (b) L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet rigward il-proċeduri ta' emerġenza, il-post u l-użu tat-tagħmir għandhom mill-inqas jinkludu:
- b.1. direzzjonijiet għall-istazzjonijiet fejn jinġemgħu in-nies;
 - b.2. il-post tal-LSA; u
 - b.3. it-tħaddim u l-użu tal-LSA.
- (c) L-istruzzjonijiet għal-LSA għandhom ikunu jinqraw u jinftiehm f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà baxxi (eż. dwal ta' emerġenza) u l-postijiet tal-istivar għal-LSA għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar.

III.3. KOMUNIKAZZJONI

Rekwiżiti funzjonali

- (1) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex iwissu u jiggwidaw is-servizzi tat-Tfittix u s-Salvataġġ (SAR, Search and Rescue) għall-post tal-vapur u s-sistemi ta' sopravivenza.
- (2) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jippermettu lill-kaptan jew lill-ekwipaġġ biex jikkomunikaw simultanjament mal-persuni kollha abbord waqt emerġenzi.
- (3) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex iwissu lill-persuni kollha abbord dwar l-emerġenzi.

Perikli Indirizzati

- Id-diffikultajiet biex jiġu skoperti mis-SAR f'każ ta' emerġenza (kemm il-vapur jew kwalunkwe sistema ta' sopravivenza fil-baħar).
- L-inabbiltà li tiġi stabbilita komunikazzjoni effettiva bejn iż-żewġ naħat bejn il-membri tal-ekwipaġġ biex jappoġġjaw attivitajiet ta' salvataġġ, ħruġ mill-periklu u ta' evakwazzjoni.
- Inabbiltà li informazzjoni u istruzzjonijiet effettivi rigward kwalunkwe emerġenza jiġu pprovduti fil-ħin lill-persuni abbord.
- Inabbiltà li l-persuni abbord jiġu mwissija fil-ħin għal sitwazzjoni ta' emerġenza.
- Dewmien u fallimenti organizzazzjonali.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandhom jiġu pprovduti l-mezzi li ġejjin biex jiggwidaw lis-servizzi tas-SAR għall-vapur u għas-sistemi ta' sopravivenza:
 - a.1. sinjal elettroniku li jista' jiġi skopert awtomatikament u mill-bogħod mis-servizzi tas-SAR (inkluż sinjali emessi minn sistemi ta' navigazzjoni satellitari bħall-Galileo);
 - a.2. sinjal li jista' jiġi perċepit b'mod viżiv fil-viċinanza; u
 - a.3. sistema ta' komunikazzjoni portabbli biex tintuża bejn is-sistemi ta' sopravivenza u s-SAR.

- (b) Il-mezzi għall-komunikazzjoni interna għandhom:
- b.1. jipprovdu komunikazzjoni fuq iż-żewġ naħat bejn il-membri tal-ekwipaġġ, indipendentement mill-ispazju tal-vapur fejn jinstabu;
 - b.2. jipprovdu informazzjoni u istruzzjonijiet kontinwi li jinstemgħu fl-ispazji kollha fejn il-persuni għandhom aċċess.
- (c) Il-mezzi għat-twissija tal-persuni kollha abbord għandhom:
- c.1. ikunu jistgħu jinstemgħu fl-ispazji kollha fejn għandhom aċċess għalihom il-persuni; u
 - c.2. ikunu adegwati għall-komunikazzjoni verbali abbord.

III.4. EVAKWAZZJONI

Rekwiżiti funzjonali

- (1) Kull vapur għandu jkollu stazzjonijiet ta' ġemgħa tal-persuni kollha abbord, fejn dawn il-persuni għandhom jinġemgħu qabel jiġu trasferiti għas-sistemi ta' sopravivenza.
- (2) Għandu jkun possibbli li kwalunkwe persuna tiġi trasferita mill-istazzjon ta' ġemgħa għal sistema ta' sopravivenza mingħajr korrimment u "b'saqajn xotti", jiġifieri, mingħajr il-bżonn li tidħol fl-ilma anke għal żmien limitat.
- (3) Għandhom jiġu pprovduti mezzi għas-sopravivenza tal-persuni kollha wara l-evakwazzjoni.

Perikli Indirizzati

- Sistemi ta' sopravivenza inadegwati li la huma suffiċjenti, xierqa u lanqas aċċessibbli għall-persuni kollha abbord.
- Persuni li ma jingemgħux kif suppost, li jikkawżaw dewmien u konfużjoni fl-evakwazzjoni.
- Possibbiltà li ċerti sistemi ta' sopravivenza ma jkunux disponibbli b'riżultat ta' telf minħabba nar, għargħar u ħsarat oħra.
- Ħsarat fis-sistemi ta' sopravivenza jew għall-persuni, jew it-tnejn, waqt il-varar.

- Għarqa.
- Ipotermja.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Kull vapur għandu jgħorr sistemi ta' sopravivenza distribwiti mal-vapur b'kapaċità suffiċjenti, sabiex f'każ li sistema ta' sopravivenza tintilef jew titqies li m'għadhiex taħdem, is-sistemi ta' sopravivenza li jibqa' jkunu jistgħu jakkomodaw in-numru totali ta' persuni li l-vapur huwa ċċertifikat li jgħorr.
- (b) Id-distribuzzjoni, l-arranġamenti ta' skjerament u l-kapaċità tas-sistemi ta' sopravivenza għandhom jippermettu lill-persuni kollha li l-vapur huwa ċertifikat li jgħorr biex jiġu akkomodati fuq kull naħa tal-vapur¹³.
- (c) L-istazzjonijiet tal-ġemgħa għandhom jipprovdu biżżejjed spazju biex jinġemgħu l-persuni kollha abbord.
- (d) L-ebda persuna m'għandha tkun mistennija taqbeż iktar minn 1 metru għoli għas-sistema ta' sopravivenza. Għal għoli ikbar, għandu jiġi pprovdut tagħmir biex jiffaċilita l-imbarkazzjoni (eż. żurżieqa tal-evakwazzjoni jew sellum tal-imbarkazzjoni).
- (e) Il-varar tas-sistema ta' sopravivenza għandu jsir mingħajr l-ebda ostakolu jew interferenza ma' strutturi oħra, speċjalment mal-iskrun.
- (f) Kull vapur għandu jgħorr tagħmir ta' żamma fil-wieċ individwali adegwat għal kull persuna abbord.
- (g) Għandha tiġi pprovduta protezzjoni termali adegwata skont il-kundizzjonijiet tat-tħaddim.

¹³ Dan ir-rekwiżit mhux neċessarjament ifisser li hija meħtieġa 100% tal-kapaċità f'kull parti tal-vapur. Huwa possibbli li tuża sistemi ta' sopravivenza li jistgħu jintużaw minn kull naħa tal-vapur.

III.5. SALVATAĠĠ

Rekwiżiti funzjonali

Għandhom jiġu pprovduti mezzi għall-irkupru tal-persuni mill-ilma.

Perikli Indirizzati

L-inabbiltà li tiġi rkuprata persuna mill-ilma b'mod effettiv u ta' malajr, li tista' tikkawża deterjorament tal-ħajja tas-superstitu jew anke t-telf tal-ħajja.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Il-vapur għandu jgħorr għajnuniet ta' żamma fil-wieċ li jistgħu jitwaddbu mill-vapur lil persuna fl-ilma.
- (b) L-irkupru ta' persuna mill-ilma għandu jitwettaq mill-vapur jew minn unità ddedikata.

IV KOMUNIKAZZJONIJIET BIR-RADJU

Rekwiżiti Funzjonali

- (1) Il-vapur għandu jkun jista' jittrażmetti u jirċievi informazzjoni dwar is-sikurezza marittima rilevanti.
- (2) Kull vapur għandu jkun jista' jittrażmetti u jirċievi allerti ta' diffikultà.
- (3) Għandu jkun possibbli li tikkomunika ma' mezzi ta' assistenza esterni, kemm tal-ajru jew marittimi, waqt l-operazzjoni tas-SAR.

Perikli Indirizzati

- L-inkapaċità li tirċievi u tittrażmetti informazzjoni ta' sikurezza marittima rilevanti.
- Nuqqas ta' komunikazzjoni mal-mezzi esterni f'każ ta' emerġenza.
- Inkapaċità ta' assistenza lill-vapuri tal-madwar f'diffikultà.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

Kull vapur għandu jkun jista':

- (a) jittrażmetti allerti ta' diffikultà mill-vapur għax-xatt;
- (b) jirċievi allerti ta' diffikultà mix-xatt għall-vapur;
- (c) jittrażmetti u jirċievi allerti ta' diffikultà mill-vapur għall-vapur (anke permezz ta' sistemi satellitari);
- (d) jittrażmetti u jirċievi komunikazzjonijiet ta' koordinazzjoni ta' tiftix u salvataġġ;
- (e) jittrażmetti u jirċievi komunikazzjonijiet fuq ix-xena;
- (f) jittrażmetti u jirċievi informazzjoni dwar is-sikurezza marittima;
- (g) jittrażmetti u jirċievi komunikazzjonijiet bir-radju ġenerali lejn jew min-netwerks jew sistemi tar-radju fuq ix-xatt; u
- (h) jittrażmetti u jirċievi komunikazzjonijiet minn pont għal pont.

V NAVIGAZZJONI

Rekwiżiti Funzjonali

Il-vapur għandu jkun iddisinjat, mibni, mgħammar u miżmum sabiex waqt li jkun fuq il-baħar ikun jista':

- (1) jiġi nnavigat b'mod indipendenti; u
- (2) jipprovdi allerti lill-ekwipaġġ dwar il-perikli tan-navigazzjoni kollha, fissi jew mobbli.

Perikli Indirizzati

- Kollizzjonijiet jew inkaljar.
- Nuqqas milli tiġi aċċertata l-pożizzjoni tal-vapur.

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

- (a) Għandha tkun disponibbli informazzjoni dettaljata dwar iż-żona tal-baħar ġeografika fejn ikun qed jopera l-vapur.

- (b) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jiġu stabbiliti l-pożizzjoni, id-direzzjoni u l-veloċità tal-vapur (bħal sistemi ta' navigazzjoni satellitari inkluż Galileo).
 - (c) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jassistu fin-navigazzjoni u fl-evitar ta' kollizzjoni (bħal sistemi ta' navigazzjoni satellitari inkluż Galileo).
 - (d) Il-konfigurazzjoni tal-pont tan-navigazzjoni għandha tipprovdi viżibbiltà sħiħa għall-arloġġ tan-navigazzjoni.
 - (e) Għandhom jiġu stabbiliti mezzi biex tiġi stabbilita d-direzzjoni tar-rotazzjoni tal-iskrun u d-domanda għall-enerġija u l-pożizzjoni tat-tmun fir-rigward tad-direzzjoni prinċipali tal-vapur.
 - (f) Għandhom jiġu pprovduti mezzi biex jiġi ddeterminat il-fond tal-ilma.
 - (g) Għandu jkun possibbli li tiskopri l-vapur mill-vapuri tal-madwar.
-